**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 14 ta' Gunju, 2016**

**Rikors Guramentat Numru:- 18/2016JVC**

**Yunis Alex Tramboo u martu Christabel Tramboo Galea**

**Vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku Ghal Ghawdex**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat fejn l-atturi ppremettew:-

1. Illi minn relazzjoni ta' bejniethom twieldet tifla, Crystal, fis-sbatax (17) ta' Marzu elfejn u erbatax (2014) u c-certifikat tat-twelid taghha gie rregistrat fir-Registru Pubbliku ghal Ghawdex bin-numru tlieta u sittin tal-istess sena (63/2014);

2. Illi meta huma marru biex jirregistraw lil binthom huma taw struzzjonijiet lill-iskrivan li kien qed iwettaq ir-registrazzjoni sabiex il-kunjom tat-tifla jkun "Tramboo Galea" u dan fuq insistenza partikolari ta' Christabel Galea;

3. Illi sussegwentement huma zzewgu lil xulxin fil-hamsa (5) ta' Dicembru elfejn u hmistax (2015) u dan iz-zwieg gie rregistrat fir-Registru Pubbliku ghal Ghawdex bin-numru mitejn tal-istess sena (200/2015);

4. Illi f'xi zmien wara t-twelid tat-tifla huma rrealizzaw li c-certifikat tat-twelid taghha ma kienx jirrispekkja l-istruzzjonijiet taghhom dwar il-kunjom/ijiet li ghandhom jinghataw lil din it-tifla, liema

realizzazzjoni giet imbaghad ikkonfermata meta huma gabu c-certifikat taz-zwieg taghhom;

5. Illi huma jridu li dan l-izball jigi korrett;

6. Illi barra minn hekk, l-esponenti dejjem ghamlu sforz konxju, immedjatament minn wara t-twelid tat-tarbija, sabiex jgharrfu li kull min ikun qrib it-tarbija li din ghandha tkun maghrufa bhala "Crystal Tramboo Galea" u t-tarbija kienet konsistement tissejjah hekk f'dak kollu li jirreferi ghaliha barra, ovvjament, fic-cirku intimu tal-familja, meta tissejjah sempliciment "Crystal";

7. Illi ghaldaqstant hemm lok li, fit-termini tal-artikolu 253(2) tal-Kodici Civili l-kliem "Crystal Tramboo" fic-certifikat tat-twelid taghha jigu sostitwiti bil-kliem "Crystal Tramboo Galea";

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-kunjom li bih Crystal hija ndikata fic-certifikat tat-twelid taghha, 63/2014, ma jirrispekkjax l-istruzzjonijiet moghtija minnhom fil-mument tar-registrazzjoni taghha;

2. Tiddikjara wkoll li t-tarbija kienet konsistement imsejha "Crystal Tramboo Galea" b'effett immedjat minn wara t-twelid taghha u ghalhekk fit-termini tal-Artikolu 253(2) tal-Kodiċi Ċivili, l-att tat-twelid taghha ghandu jirrifletti dan il-fatt;

3. Konsegwentement tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid numru 63/2014 billi, fit-"Taghrif dwar it-Tarbija" fil-kolonna "Isem jew Ismijiet li bihom it-Tarbija ghandha Tigi Msejha", il-kliem "Crystal Tramboo" jigu sostitwiti bl-ismijiet "Crystal Tramboo Galea".

Bl-ispejjeż, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa int ingunt.

Rat ir-risposta guramentata fejn id-Direttur tar-Registru Pubbliku f'Ghawdex eccepixxa:

1. Illi fir-rigward tal-emendi mitluba fic-certifikat tat-twelid ta' Crystal Tramboo, li jgib in-numru tlieta u sittin (63) tas-sena elfejn

u erbatax (2014), meta l-ġenituri marru jirreġistraw it-tarbija tagħhom, huma kellhom l-opportunita' jagħżlu x'kunjom ha tingħata lit-tarbija mar-reġistrazzjoni tat-twelid tagħha, liema għażla hija rrevokabbli (preċiżament ai termini ta' l-artikolu 4(3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta). Illi z-zewġ ġenituri rikorrenti f'din il-kawża ffirmaw fuq l-att tat-twelid ta' binthom fejn kunjom it-tarbija ġie ndikat biss bħala Tramboo u mhux Tramboo Galea;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-liġi tagħna ma tippermettix korrezzjonijiet jew emendi fil-kunjom mogħti;

3. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-surreferit, l-esponent jissottometti illi fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti ma hijiex attribbwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir da parti tal-esponent u kwindi huwa ma għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża.

4. Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

Rat illi saret id-debita pubblikazzjoni skont il-liġi;

Rat l-affidavits, xhieda u dokumenti kollha esebiti;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi fl-1 ta' Ġunju, 2016 il-kawża tħalliet għad-deċizjoni għal-lum.

Rat l-atti kollha;

**Ikkunsidrat**

Illi mill-affidavit ta' Christabel Tramboo Galea jirrizulta li t-tarbija in kwistjoni twieldet barra ż-żwieġ u li kien hemm diskussjonijiet bejn il-ġenituri Christabel Tramboo Galea u Junis Alex Tramboo llum miżżewġin li l-minuri apparti l-isem Crystal għandha tingħata z-zewġ kunjomiijiet tal-ġenituri stess u ċioe' Tramboo u Galea u dan għal bosta raġunijiet fosthom illi xtaqu li l-minuri anki minn isimha tingħaraf li għandha ġenitur Malti u anki għaliex kien hemm il-biża' li jekk ikollha kunjom barrani biss hija tiġi diskriminata.

Il-pjan kien li meta l-ġenituri tal-minuri jiżżewġu allura l-omm u l-bint ikollhom l-istess kunjom 'Tramboo Galea'. L-omm issemmi wkoll li riedet tevita problemi li taf li ommha kienet tgħaddi minnhom kull darba li jgħaddu mill-ajruporti stante li wħud minnhom kellhom iċ-ċittadinanza doppja u oħrajn le. Hija tixhed b'mod skjett fl-affidavit a fol. 17 tal-proċess:

'Meta l-uffiċjali li kienet qegħdha taqdina saqsietna x'kunjom nixtiequ nagħtu lil Crystal, Yunis Alex kien qalilha ċar u tond 'Tramboo Galea'. Aħna bħala karti ma konna mlejna xejn. Dawn id-dettalji kienu nkitbu mill-uffiċjal li kienet qed taqdina u ma kinitx tatna kopja tal-informazzjoni li aħna konna pprovdejna.'

Omm l-attriċi Jane Galea fl-affidavit tagħha a fol. 19 tal-proċess ikkonfermat li qabel twieldet il-minuri kien sar kliem mill-atturi quddiemha li kunjom il-minuri kellu jkun 'Tramboo Galea'.

L-oħt tewmija tal-attriċi Annamarie Galea a fol. 21 tal-proċess ukoll tikkonferma li qabel it-twelid tal-minuri sar kliem fil-preżenza tagħha mill-atturi li l-minuri kienet ser tingħata l-kunjom 'Tramboo Galea'.

Ix-xhud parrina tal-minuri Ann Marie Said a fol. 23 tal-proċess tikkonferma li l-atturi kienu nfurmawha li l-minuri ser tingħata l-kunjom 'Tramboo Galea' u wkoll li waqt il-magħmudija l-qassis ingħata l-isem tal-minuri bħala 'Crystal Jane Kylie Tramboo Galea.' Tikkonferma li meta sar jaf bl-iżball, l-attur kien qalla li kien 'ċert li lir-rappreżentant tar-Reġistru Pubbliku kien qalilha l-kunjom 'Tramboo Galea' u mhux 'Tramboo' biss.

Ix-xhud Noel Said a fol. 24 tal-proċess ukoll ikkonferma li l-atturi qabel it-twelid tal-minuri qalulu li l-intenzjoni tagħhom kienet li jagħtu lill-minuri l-kunjom 'Tramboo Galea' u semma' bosta mir-raġunijiet kkwotati mix-xhieda l-oħra. Jgħid ukoll li huwa kien ċert li dak kien il-kunjom li ngħatat il-minuri u li kien baqa' mbellah meta sar jaf li l-kunjom kien tniżżel mod ieħor fiċ-ċertifikat għaliex jaf ben tajjeb x'kienu qalulu l-atturi. Ma' dan ix-xhud l-attur ukoll tkellem fis-sens li kien jinsab ċert li huwa kien qal lill-uffiċjal tar-Reġistru Pubbliku li l-kunjom kellu jiġi 'Tramboo Galea' u mhux 'Tramboo' biss.

Ix-xhud Jennifer Said a fol. 25 tal-process tikkonferma wkoll li qabel it-twelid tal-minuri kien sar diskors quddiemha mill-atturi li l-minuri kienet ser tinghata z-zewg kunjomijiet taghhom anki ghaliex kienu ghadhom mhux mizzewgin u sabiex ikollha kunjom Malti.

Fis-seduta tal-1 ta' Gunju, 2016 xehdet quddiem il-Qorti s-Sinjura Mary Louise Attard li kienet il-persuna li hadet u wettqet ir-registrazzjoni tal-minuri Crystal. Hija sostniet li ma tiftakarx x'qalula dakinhar l-atturi izda prezentat dokument immarkat PR 1 illi fih hemm numru ta' mistoqsijiet li jsiru lill-genituri u tikkonferma li tkun hi li staqsiet dawn id-domandi u timla' r-risposti. Fost dawn id-domandi ma hemmx domanda dwar x'kunjom ser tinghata l-minuri nonostante li hemm il-possibilita' fil-ligi li l-genituri jaghzlu bejn kunjom u iehor fis-sens li jistghu jaghtu kunjom wiehed jew it-tnejn. Ix-xhud ikkonfermat ukoll li konsegwentement wara li timla' din l-informazzjoni hija tnizzel l-informazzjoni fis-sistema u jinhareg ic-certifikat esebit bhala dokument PR 2. Huwa f'dan ic-certifikat li johrog printjat li fuqu johrog x'kunjom ser ikollha t-tarbija. F'dan ic-certifikat jidher titlu 'Isem jew ismijiet kif ghandha tissejjah u l-kunjom u tahtu jidher l-isem 'Crystal Tramboo'. Ix-xhud tghid li hija tkun qrat din l-informazzjoni lill-genituri u wara dawn jiffirmaw.

Xehed ukoll l-attur Yunis Alex Tramboo li rega' kkonferma li d-dettalji kienu kollha nkitbu mill-ufficcjal tar-registru u li gie moqri l-kontenut tac-certifikat b'mod mghaggel lilhom qabel ma ntalbu jiffirmaw. Fil-hin li dan sar kien hemm biss kopja wahda tac-certifikat f'id l-ufficcjal u mhux f'idejn l-atturi u dan tressaq lejhom fin-naha l-ohra tal-iskrivanija biss biex jiffirmaw.

Din il-Qorti tqis illi kieku kienu biss il-genituri atturi li xehdu f'dawn il-proceduri wiehed seta' jargumenta li dak li qed jghidu mhux neccessarjament dak li gara u li qed isir dan ir-rikors ghaliex issa biddlu fehemthom dwar kunjom il-minuri. Il-Qorti izda tqis li ma tistax tiskarta l-korroborazzjoni tal-verzjoni tal-atturi min-numru ta' xhieda ohra li ghalihom saret referenza aktar 'il fuq. Il-Qorti tqis li huwa nverosimili hafna li wara li l-atturi kienu ddiskutew diversi drabi dwar kunjom il-minuri qabel din twieldet illi dawn ma kienux ser jaghmlu t-talba taghhom sabiex din titnizzel biz-zewg kunjomijiet. L-istess attrici kkonfermat li ma kinitx hi li ghamlet it-talba b'mod verbali izda kien l-attur. Din hija evidenza tal-kredibilita' taghhom.

Min-naha l-ohra xhud li hadet ir-registrazzjoni u anki d-Direttur intimat argumentaw li kien dover tal-atturi li jinfurmaw dwar il-kunjom izda fuq domandi tal-Qorti x-xhud ikkonfermat li ma ssir l-ebda domanda dwar il-kunjom u f'dak il-kaz il-kunjom li huwa awtomatikament moghti huwa dak tal-missier. Il-Qorti tqis li ghalkemm huwa minnu li l-injoranza tal-ligi mihijiex skuza (ghalkemm il-Qorti mhux qed tghid li dan huwa dak li sehh f'dan il-kaz partikolari), kaz bhal dak odjern facilment jigi evitat li kieku tigi ntrodotta domanda semplici fil-formola li timtela' mill-ufficjal fejn il-genituri jigu mistoqsija x'kunjom irid li jaghtu lill-wild u dan jitnizzel bil-miktub bhal kull domanda ohra li ssir. La darba hemm domanda dwar l-isem ghalfejn m'ghandux ikun hekk ukoll wahda dwar il-kunjom stante li llum hemm il-jedd li l-kunjom mhux neccessarjament jkun wiehed izda hemm ghazla. Kieku jsir hekk il-Qorti tinsab certa li jigu evitati kawzi bhal dik odjerna.

Illi mill-assjem tal-provi l-Qorti hija konvinta li l-atturi talbu lill-ufficcjal koncernat sabiex kunjom binthom ikun 'Tramboo Galea' izda ghal xi raguni dan ma tnizzilx hekk fuq ic-certifikat ittajpjat mill-ufficcjal. Wiehed ghandu jammetti wkoll li c-certifikat in kwistjoni li fuqu jintalbu jiffirmaw il-genituri xejn ma huwa wiehed felici sabiex jinqara u jinftiehem ahseb u ara ghall-persuni li ma jarawx dawn id-dokumenti ta' kuljum. Il-Qorti tqis li facilment b'dak it-tip ta' dokument genituri jistghu jinghataw x'jifhmu li t-talba taghhom dwar kif ghandu jkun il-kunjom kienet tnizzlet tant li f'partijiet minnu hemm anki l-kliem 'the father and the mother' u fuqhom hemm il-kliem 'name and surname'. Huwa veru li wara li din il-Qorti stess staqsiet diversi drabi lill-ufficcjal kif ghandu jinftiehem dan ic-certifikat irrizulta li dawn ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-isem u l-kunjom moghtija lill-minuri imma dan evidenzja wkoll kemm hu se mai mill-anqas ftit kumplikat ghall-genituri li lilhom ikun qed jinqara dan ic-certifikat qabel jiffirmawh li jifhmu dak li effettivament qed jinqara lilhom. Il-Qorti nnutat ukoll li l-ufficjal in kwistjoni, li tidher mad-daqqa t'ghajn li hija persuna efficentissima, jista' jkun li tant taghmel dan ix-xoghol ta' kuljum li tiehu certu affarijiet forsi aktar 'for granted', tghaggel ferm fi kliemha kif gie kkonstat fl-awla u ghalhekk il-Qorti wkoll f'dawn ic-cirkustanzi tqis li l-atturi setghu facilment gew indotti fl-izball li jiffirmaw ic-certifikat minghajr ma ndunaw bl-izball dwar il-kunjom cioe' li dak li talbu ma giex rifless fic-certifikat ittajpjat. Tant hu hekk li kellhom ikunu l-proceduri ghaz-zwieg taghhom u r-rikonoxximent tal-minuri bhala wild taghhom mal-

istess dipartiment (ara n-nota fil-genb tal-lemin fuq ic-certifikat esebit PR 2 – notament datat 6 ta' Jannar, 2016) li servew sabiex fethu ghajnejn l-atturi b'dak li effettivament ifisser dak li hemm miktub fic-certifikat tat-twelid u cioe' li kunjom il-minuri ma kienx indikat kif talbu huma izda kien hemm zball ghaliex kien hemm il-kunjom 'Galea' nieqes.

Ghal darb'ohra l-Qorti temfasizza li hija certa li kieku kellha ssir domanda bil-miktub dwar x'kunjom ghandha tinghata t-tarbija u titnizzel ir-risposta bil-miktub ghaliha kawzi bhal dawk odjerni facilment jigu evitati anki ghaliex ikun hemm prova cara dwar l-intenzjoni espressa tal-genituri f'dak il-mument partikolari tar-registrazzjoni.

Finalment il-Qorti tqis ukoll li in vista tar-ragunijiet validissimi ndikati mill-atturi ghalfejn huma sahansitra qabel twieldet riedu li kunjom il-minuri ma jkunx 'Tramboo' biss izda jkun 'Tramboo Galea', fosthom il-biza ta' diskriminazzjoni (li sfortunatament ghalkemm mhux gjustifikata minn min jaghmilha hija realta' li ghadhom jiltaqghu maghha bosta tfal fis-socjeta' taghna b'mod partikolari fl-iskejjel u anki fid-dinja tax-xoghol), fi kwalunkwe kaz, il-Qorti tqis li ma jkunx fl-ahjar interess suprem tal-minuri li t-talba ghall-korrezzjoni f'kunjomha sabiex jaqra 'Tramboo Galea' ma tintlaqax.

Illi in vista tas-suespost il-Qorti tqis li l-ewwel u t-tielet talba tal-atturi ghandhom jintlaqghu. Fir-rigward tat-tieni talba l-Qorti tirrileva li l-artikolu 253 (2) kkwotat mill-atturi jaghmel referenza biss ghall-isem u mhux ghall-kunjom (kif anki konferma minn decizjonijiet tal-Qorti tal-Appell) u stante li fil-kaz odjern il-problema hija dwar il-kunjom u mhux l-istess allura dik it-talba ma tistax tigi milqugha.

**<u>Decizjoni</u>**

Ghaldaqstant in vista tas-suespost u ghar-ragunijiet suesposti, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi finalment din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-kunjom li bih Crystal hija ndikata fic-certifikat tat-twelid taghha 63/2014, ma jirrispekkjax l-istruzzjonijiet moghtija mill-atturi genituri tal-minuri Crystal fil-

mument tar-registrazzjoni taghha bi ksur tal-jedd taghhom fil-ligi li jaghtu lill-minuri kemm kunjom il-missier kif ukoll kunjom l-omm;

2. Tichad it-tieni talba stante li l-artikolu 253 (2) jikkoncerna biss kaz ta' korrezzjonijiet fl-isem u mhux fil-kunjom;

3. Stante l-ksur evidenti tal-jedd tal-atturi li jaghtu lill-minuri kemm kunjom il-missier kif ukoll kunjom l-omm fil-mument tar-registrazzjoni tal-minuri nonostante li saret talba specifika minnhom sabiex dan isir, kif ukoll stante li tqis li huwa fl-ahjar interess tal-minuri koncernata, tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid numru 63/2014 billi, fit-Taghrif dwar it-Tarbija" fil-kolonna "Isem jew Ismijiet li bihom it-Tarbija ghandha Tigi Msejha", il-kliem "Crystal Tramboo" jigu sostitwiti bl-ismijiet "Crystal Tramboo Galea" u tordna l-korrezzjoni ta' kull att sussegwenti kull fejn jirrizulta isem u kunjom il-minuri.

Fic-cirkustanzi tqis li l-proceduri ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur